


# Il-Festa ta' San Ġużepp u l-Banda 'St Patrick's'

## IL-ĦOMOR KONTRA L-BLU ... JEW IL-HODOR?

minn Nigel Holland, Membru Onorarju u Arkivista



Waħda mill-akbar flaġelli li għandna fil-festi sbieħ tagħna l-Maltin huma l-piki bejn il-qaddisin (jew aħjar il-piki li noħolqu aħna għax m'għandix dubju li l-qaddisin bejniethom piki m'għandhomx!) u l-piki bejn il-baned meta dawn jaqbżu l-livell tad-diċenza u ma jibqgħux fuq livell 'sportiv'.

Fil-Floriana faċilment stajna nispiċċaw fis-sitwazzjoni simili u miskina ta' ħaddieħor li kieku ssaħħew kemm il-Festa ta' San Ġużepp, li fil-parroċċa tagħna kienet qed tikber u tikber, kif ukoll banda bl-isem ta' 'St Patrick's' li fuqha s'issa nafu ftit li xejn.

Dan l-artiklu ktibtu bi ftit ta' trepidazzjoni għax ma rridx li niġi akkużat li qed nerġa' nixgħel imqar xrara ta' xi pika fil-Floriana, u qed niktbu eżattament għax il-possibbilta' li jitwieldu 'partiti' ġodda tal-festa fl-istess lokalita', kemm fir-rigward ta' festi sekondarji kif ukoll baned oħra, illum hija prattikament ineżistenti, anki minħabba l-miżuri u r-regoli iebsa li wettqu l-awtoritajiet ekklesjastiċi f'dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam.

### Il-Festa ta' San Ġużepp

L-istorja tal-Festa ta' San Ġużepp fil-Floriana tmur lura lejn is-Seklu Dsatax u baqgħet tkarkar, għalkemm b'intervall twil ħafna, fejn mietet għal kollox sas-Sittinijiet tas-seklu l-ieħor.




Kien fi żmien il-parrokat ta' Dun Salvatore Gaffiero (1868-1875) li fil-Floriana twieldet il-Fratellanza ta' San Ġużepp li ġiet imwaqqfa b'digriet ta' l-Isqof Gaetano Pace Forno datat il-21 ta' Diċembru, 1868. Dan seħħ f'perjodu fejn id-devozzjoni lejn San Gużepp kienet qed tikber madwar id-dinja kollha u laħqet il-quċċata tagħha meta fl-1870 il-Papa Piju IX iddikjarah Patrun tal-Knisja Universali.

Bil-fratellanza f'postha, ma setax jonqos li d-devoti Furjaniżi ta' San Ġużepp ma jaħsbux biex jibdew jagħmlulu festa xierqa. U hekk hu, għax il-Festa ta' San Ġużepp fil-Floriana, li kienet tiġi ċċelebrata f'Lulju, bdiet tikber sew kemm fil-funzjonijiet liturġiċi ta' ġewwa l-Knisja Parrokkjali ta' San Publju kif ukoll fir-rigward tal-festi esterni. Tkattar l-armar ta' barra u żdiedu l-marċijiet, nar, eċċ. Insomma, bdew deħlin l-ingredjenti kollha li jsawru festa Maltija ta' ċertu kobor.
Nafu, mill-gazzetti ta' l-epoka, li l-banda tas-soċjeta' waħdanija Furjaniża, is-Soċjeta' Filarmonika Vilhena, kienet tieħu sehem sħiħ f'dawn il-festi ta' San Ġużepp. Din il-parteċipazzjoni sħiħa tal-'Vilhena' fil-festi Ġużeppini jista' jkun fattur ieħor għala din il-festa, li kienet laħqet Bil-fratellanza f'postha, ma setax jonqos li d-devoti Furjaniżi ta' San Ġużepp ma jaħsbux biex jibdew jagħmlulu festa xierqa. U hekk hu, għax il-Festa ta' San Ġużepp fil-Floriana, li kienet tiġi ċċelebrata f'Lulju, bdiet tikber sew kemm fil-funzjonijiet liturġiċi ta' ġewwa l-Knisja Parrokkjali ta' San Publju kif ukoll fir-rigward tal-festi esterni. Tkattar l-armar ta' barra u żdiedu l-marċijiet, nar, eċċ. Insomma, bdew deħlin l-ingredjenti kollha li jsawru festa Maltija ta' ċertu kobor.

Nafu, mill-gazzetti ta' l-epoka, li l-banda tas-soċjeta' waħdanija Furjaniża, is-Soċjeta' Filarmonika Vilhena, kienet tieħu sehem sħiħ f'dawn il-festi ta' San Ġużepp. Din il-parteċipazzjoni sħiħa tal-'Vilhena' fil-festi Ġużeppini jista' jkun fattur ieħor għala din il-festa, li kienet laħqet proporzjonijiet imdaqqsa, ma sadditx fil-Floriana meta bdew jinħolqulha d-diffikultajiet. Li kieku l-Festa ta' San Ġużepp welldet fil-Floriana banda parrallela u antagonista għall-'Vilhena', il-probabbilta' kienet li l-piki tradizzjonali tagħna l-Maltin kienu jwasslu biex jinbena 'partit' qawwi madwar din il-festa li kien ikollha aktar saħħa, proprju sforz il-pika, biex jiġu reżistiti l-ostakoli li jingħad li sarulha.
Indikazzjoni ċara ta' kemm kienet kibret il-Festa ta' San Ġużepp fil-Floriana neħduha minn 'Il Currier Malti', waħda mill-ftit gazzetti bil-Malti li kienu joħorġu lejn tmiem is-Seklu Dsatax u l-bidu ta' l-Għoxrin.
Fil-ħarġa tas-26 ta' Lulju, 1899, jidher il-programm tal-festa li kellha tilħaq il-quċċata tagħha l-Ħadd, 30 tax-xahar. Fit-tlitt ijiem ta' qabel Jum il-Festa, u allura s-Sibt inkluż, kienu l-jiem tat-Tridu. M'hemm ebda indikazzjoni li kienet issir Traslazzjoni lejlet Jum il-Festa. Il-kant tat-Tridu, li kien jikkonsisti fl-Innu, l-Antifona ta' San Ġużepp*1 u l-Benedizzjoni, kien taħt id-direzzjoni tas-Sur Gaetano Muscat u l-kor kien magħmul minn xi dilettanti Furjaniżi.
Il-Festa ta' San Ġużepp kienet kompluta wkoll bid-dwal tat-toroq u anki l-ġiġġifogu, kif ukoll bil-baned. Fil-festa ta' l-1899, minbarra l-'Vilhena' ħadu sehem ukoll il-'Prince of Wales' tal-Belt (li wara saret il-'King's Own'), il-banda tar-reġiment Ingliż - il-Border Regiment - u baned oħrajn.





Ħaga interessantissima li naqraw hija li 'Il għajn ta Pjazza Sant Anna, ...'*2, jiġifieri l-Funtana ta' l-iljun, kienet mixgħula '... alla Veneziana.' Kellhom anki jiġu armati trofej ġodda fi Strada Miratore (Triq il-Miratur).*3

Nhar il-Ħadd, 30 ta' Lulju, 1899, Jum il-Festa, saret Quddiesa Kantata bil-mużika ta' '... l' imfaħħar R. Bugeja', kif iddeskrivietu l-gazzetta stess.

Lura għall-baned, naraw li f'Jum il-Festa ta' San Ġużepp kien isir saħansitra marċ brijuż f'nofsinhar, bħal fil-kaz tal-Festa Titulari ta' San Publju, mis-Soċjeta' Filarmonika Vilhena. Wieħed mill-ftit fatti li juru li din il-festa nżammet bħala waħda sekondarja, apparti l-mod kif kien isir it-Tridu u l-materja tat-Traslazzjoni li semmejna aktar 'il fuq, kien li dan il-marċ brijuż kien isir tul żewġ toroq prinċipali biss tal-Floriana.

Mill-bqija, bħal fil-kaz tal-festa titlulari, kien isir ukoll Paniġierku wara nofsinhar, Għasar Solenni qabel il-proċessjoni bil-mużika ta' l-istess Riccardo Bugeja u fil-proċessjoni bl-istatwa ta' San Ġużepp daqqew l-istess baned li daqqew ġurnata qabel, ħlief dik tar-reġiment Ingliż.

Fir-rigward tal-banda Furjaniża, irid jiġi nnotat li l-bandisti tal-'Vilhena' ma tantx kellhom serħan dakinhar ta' Jum il-Festa għax minbarra l-marċ ta' nofsinhar kellhom jesegwixxu wkoll programm fil-5.30 p.m. Kemm f'dan il-programm kif ukoll f'dak tal-jum ta' qabel, is-Sibt, il-banda kienet taħt il-bakketta tal-famuż surmast Taljan Angelo Melilli. Il-programm tal-Ħadd kien jinkludi l-marċ 'Fashoda' ta' l-istess Melilli, l-'Inno Vilhena' u l-għeluq bil-'God Save the Queen' li f'dawk iż-żminijiet kien jgħodd bħala l-innu nazzjonali tagħna.*4

Fid-dawl ta' dan kollu li rajna, wieħed malajr jasal għall-konklużjoni li fi tmiem is-Seklu Dsatax il-Floriana kienet qed tgħix mumenti tad-deheb u tisplodi bl-attivita' għax minbarra li kienet kapaċi torganiżża din il-festa grandjuża lil San Ġużepp, kienet qed iżżanżan opra wara l-oħra fir-rigward tal-Festa Titulari ta' San Publju wkoll. Fl-istess sena, l-1899, kienu żżanżnu l-Ark Trijumfali majestuż li llum jintrama fi Triq San Tumas, il-ventartal u t-trieħi rikki ta' l-artal ta' San Lawrenz, diversi kandlieri tal-fidda kif ukoll indurati għal xi artali, statwa ta' Malta gwerriera bil-pedistall tagħha xogħol Mastru Giuse' Borg, statwi tal-Papa Gregorju XVI, Papa Ljun XIII, il-Kardinal Michael Logue u l-Gran Mastru Antonio Manoel de Vilhena kif ukoll, fil-qasam mużikali, l-Inno Nazionale San Publio (Innu Nazzjonali San Publju) bil-mużika tas-Surmast Angelo Melilli u l-kliem ta' Dr Robert Serge. Barra minn dan, kienet issir bil-kbir ukoll il-Festa tal-Qalb ta' Gesu' u nafu li f'dik is-sena s-Surmast Angelo Melilli kiteb Tantum Ergo u O Salutaris Ostia '... bil cant angelicu tat tfal, ...'*5, u dawn ġew esegwiti fil-Knisja Arċipretali u Parrokkjali tagħna.

Il-mistoqsija l-kbira hi: X'sar minnhom dawn l-innijiet ta' l-aħħar?

Intant, jingħad li l-Arċipriet Francesco Mallia kien ħoloq ħafna ostakoli lill-Festa ta' San Ġużepp. Min jaf għaliex? Fi żmienu ma tantx kien jeżisti moviment fil-Knisja Maltija kontra l-festi, lanqas kontra ż-żjieda tagħhom. Għall-kuntrarju, l-idea ġenerali hi li kienu proprju wħud mill-qassisin stess li ppromwovew festi sekondarji f'parroċċi differenti.




Jekk l-Arċipriet Mallia pprova jrażżan il-Festa ta' San Ġużepp biex din ma tikkompetiex mal-Festa Titulari ta' San Publju u ma jinħolqux piki, allura veru kien progressiv għal żmienu.
Kienet x'kienet ir-raġuni eżatta, huwa fatt li fi ftit żmien beda jitbiegħed l-ispettru li setgħet titwieled xi pika li kienet taqsam il-Furjaniżi bejn il-Ħomor (il-kulur assoċjat ma' San Publju u s-Soċjeta' Filarmonika Vilhena) u l-Blu' (kulur assoċċjat ma' San Ġużepp), u li magħha kienet iġġib il-firdiet u addirittura l-mibegħda li sfortunatament jeżistu f'xi parroċċi oħra, għalkemm ċertament la kien ikun tort ta' San Publju u lanqas ta' San Ġużepp.
Infatti, sa l-1906 jidher li l-Festa ta' San Ġużepp kienet ċkienet kważi għal kollox*6 u kienet riesqa lejn it-tmiem tant li sena wara, l-1907, saret l-aħħar festa ta' dan il-qaddis manswet u umli fil-knisja prinċipali tal-Floriana ... għallinqas għall-perjodu twil ħafna! Kellhom jgħaddu 60 sena sħaħ biex reġa' tfaċċa xi ħadd li pprova jqajjem id-devozzjoni u l-Festa ta' San Ġużepp. Kien fis-7 ta' Mejju, 1967, li reġgħet saret il-festa tiegħu bit-tħabrik tal-Prokuratur Renaldo Zahra, dejjem, iżda, ġewwa l-knisja biss. Madanakollu ma damitx wisq issir lanqas u l-Festa ta' San Ġużepp reġgħet għosfrot fix-xejn ... u milli jidher darba għal dejjem.

## Il-Banda St Patrick's

Iżda mhux il-Festa ta' San Ġużepp biss setgħet kienet kaġun ta' firda fil-Floriana. Setgħet twieldet firda oħra, u forsi anki akbar, li kieku l-pjan ta' banda oħra fil-Floriana, bl-isem ta' St Patrick's (San Patrizju), kien irnexxa.

TIFKIRA

tal-Festa ta' San Ġużepp

li saret għall-ewwel darba

wara sittin sena fil-knisja

Parrokkjali tal-Furjana

7 ta' Mejju 1967

---

*Pater, Ave, Glorja*

għall-bżonnijiet tal-Benefattur.

PROKURATUR
RENALDO ZAHRA

Stampat fid-Dar ta' San. Ġużepp - Ħamrun

Fil-verita' ftit li xejn nafu fuq dil-banda għajr għal aħbar żgħira f'naħa ta' Agostino Levanzin, fejn fil-ħarġa tad-19 ta' Ottubru, 1910, l-istess Levanzin feraħ lil '... Banda ġdida ...' li ser titwaqqaf fil-Floriana '... taħt l-isem ta' ST PATRICK'S ...'. Jista' jkun hemm min jgħid, u b'ċertu ġustizzja wkoll, li din it-tagħrifa weħidha ma tikkostitwixxix xi prova li kien hemm xi tentattiv serju biex fil-fatt titwaqqaf din il-banda oħra fil-Floriana.
Min-naħa l-oħra, l-isem waħdu ta' din il-banda li jidher li mietet f'ġuf ommha - St Patrick's - għandu konnotazzjonijiet profondi ferm mal-Floriana u allura lanqas m'hi ħaġa kbira li kien hemm moviment qawwi biex titwaqqaf banda alternattiva għall-'Vilhena'.




San Patrizju huwa l-Qaddis Patrun tant maħbub ta' l-Irlandiżi u kienu l-Irlandiżi li taw il-kuluri famużi ħodor u bojod, il-kuluri nazzjonali tagħhom, lill-Furjaniżi u tagħhom il-laqam 'Ta' l-Irish' għalkemm hemm teorija oħra f'dan ir-rigward li ser naraw aktar 'l isfel. Kien fi tmiem logħba football ta' ħbiberija, lejn Ġunju/Lulju 1905, li t-tim tar-reġiment ta' l-Irish Fusiliers irregalaw lill-Furjaniżi il-flokkijiet tagħhom ħodor u bojod li mbagħad saru l-kuluri tal-Floriana.*7

Fattur ieħor importanti, u probabbli l-aktar importanti, fil-konnessjoni Floriana-Irlanda kien lsew qabel din il-famuża partita, fil-Floriana, u eżattament f'Balzunetta, kienet tiġi ċċelebrata l-Festa ta' San Patrizju.

Dik il-ħabta, bejn Triq l-iLjun u Triq il-Konservatorju, jiġifieri preċiż quddiem l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes, kien hemm inkwatru ta' San Patrizju u fis-17 ta' Marzu, Jum il-Festa tiegħu, kienet issir festa li għaliha kienu jattendu l-ħafnai suldati Irlandiżi li kienu jagħmlu parti mill-forzi armati tal-Maesta' Tagħha fi gżiritna.

L-organiżżatur ta' din il-festa kien is-Sur Jimmy Dowdall, magħruf aktar b"tal-Flagship'. Dan l-inkwadru kien jiżżejjen sew anki bid-dwal. Kienet tinġieb ukoll il-Banda ta' Indri'! Kienu jinbiegħu ħafna ward u kukkardi bil-kulur nazzjonali, l-aħdar, sabiex jitwaħħlu fuq il-pavru tal-ġlekk. Saħansitra kienu jiġu importati direttament mill-Irlanda l-weraq unikament Irlandiżi magħrufa bħala x-'shamrock'.

Din il-festa lill-San Patrizju ġabet flimkien lill-Furjaniżi u lill-Irlandiżi u ċertament li kienet il-kaġun prinċipali biex inħolqot dik l-affinita' bejn iż-żewġ naħiet li kellha tiġi ssaldjata aktar tard permezz tal-ballun.

Wieħed ma jistax ma jsemmix ukoll li l-famuż Kardinal Irlandiz Michael Logue, wara merħba kbira li ngħatatlu mill-Furjaniżi waqt żjara hawnhekk fl-1895, f'diskors ta' l-okkażjoni indirizzat lill-Furjaniżi qal: "You are the sons of Ireland ..." ("Intkom ulied l-Irlanda ...").*8

Lura għalhekk għal-laqam 'Ta' l-Irish', ta' min jinnota tagħrifa interessanti ferm f'kitba tas-Sur Salv Mousu' taħt it-titlu "Ta' l-Irish minn dejjem ħadid...."*9, u li minnu ħadt it-tagħrif fuq il-Festa ta' Patrizju. Is-Sur Mousu' indika li l-laqam 'Ta' l-Irish' oriġinarjament ingħata lill-Furjaniżi mhux minħabba l-ballun iżda minħabba din il-festa li kienet issir lill-Qaddis Patrun ta' Irlanda fil-Floriana u wara ż-żjara tal-Kardinal Logue u jistqarr li kien minħabba dawn l-avvenimenti li '... nibtet dik ir-rabta bejna u l-irlandiżi. Tant hu veru hekk li kważi Malta kollha bdiet issejjaħ lill-furjaniżi bħala "ta' l-Irish". Biss aktar tard inxteħtet l-iżjed fuq il-"football" ...'
Jekk forsi jista' jkun hemm xi dubju dwar meta oriġina eżatt il-laqam tagħna*10, min-naħa l-oħra żgur li m'hemm l-ebda dubju fuq il-konnessjonijiet indiskussi u profondi kollha bejn il-Furjaniżi, l-Irlandiżi u San Patrizju, u għalhekk ma hi sorpriża xejn li verament kien hemm x-xewqa, u li fil-fatt sar tentattiv serju, biex titwaqqaf fil-Floriana banda bl-isem ta' 'St Patrick's'.




X'wassal biex dan it-tentattiv ma żviluppax u miet zopptu għadna ma nafux, iżda li hu ċert huwa li dan sewa ta' ġid għal Floriana, għax anki jekk aħna għandna simpatija kbira ma' l-Irlandiżi u t-tradizzjonijiet tagħhom żgur li ma konniex inkunu ferħana llum li kieku minħabba banda oħra l-Floriana spiċċat maqsuma fit-tnejn, bil-Ħomor tal-'Vilhena' kontra l-Ħodor ta' 'San Patrizju'!

Fl-aħħar mill-aħħar, kienu għaqlin missirijietna li baqgħu magħqudin taħt kappa waħda - dik tal-Prinċep, l-Ewwel Isqof, Patrun u Protettur ta' Malta u tal-Floriana, il-Martri konċittadin tagħna San Publju - u wara standard wieħed - dak tas-Soċjeta' Filarmonika Vilhena - ... u ta'dan inroddu ħajr lil missirijietna għax bl-għaqal tagħhom MAQGĦUDIN KONNA U MAQGĦUDIN SER NIBQGĦU!

## Noti u Riferenzi

*1 Ta' min jirrileva ħawnhekk li fost ix-xogħlijiet numerużi li kkkompona Riccardo Bugeja, li f'dan iż-żmien partikulari kien il-Maestro di Cappella tal-Knisja Arċipretali u Parrokkjali tal-Floriana, kien ikkompona 'Antifona per San Giuseppe' (Antifona lil San Ġużepp) proprju fl-1899 (tagħrifa meħuda mit-teżi The Bugeja musicians, Rosemarie Micallef, 1990) u għandna għalfejn naħsbu wkoll li ndaqqet fil-knisja tagħna għall-ewwel darba proprju f'dik l-istess sena

*2 Din il-kwotazzjoni, u oħrajn li jidhru 'l quddiem, ħallejthom eżatt bl-ortografija li kienet tintuża dak iż-żmien

*3 Jingħad li l-pilandri bit-trofej li kienu jintramaw fi Triq il-Miratur sas-Snin Sebgħin tas-seklu li għadda fil-fatt oriġinarjament kienu jappartjenu lill-Festa ta' San Ġużepp. Jista' jkun ukoll, għalhekk, li dawn kienu proprju dawk li saret riferenza għalihom f'Il Currier Malti

*4 F'din l-istess sena l-Banda Vilhena kienet daqqet f'festa Ġużeppina oħra wkoll, dik ta' l-iMsida

*5 Il Currier Malti, 04.07.1899.

*6 Dan joħroġ minn aħbar xotta u ċkejkna fil-gazzetta Is-Salib, 28.07.1906, fejn tgħid li l-għada kienet ser tiġi ċċelebrata l-Festa ta' San Ġużepp fil-Floriana u kull ma kien hemm fl-aħbar kien li l-banda tal-post kienet ser iddoqq programm sabiħ fuq il-Fosos.

*7 Floriana F.C.: storja ta' mitt sena, Roberto Francalanza, Peresso Printing Press, Valletta, 1994

*8 Il-Kardinal Michael Logue tant kien baqa' impressjonat bil-laqgħa li għamlulu l-Furjaniżi li kien intervjena ma' l-awtoritajiet tal-Vatikan biex il-Festa ta' San Publju tiġi mgħollija għal Prima Klassi, kif fil-fatt sar, fl-1896. Il-Furjaniżi wrew ir-rikonoxxenza tagħhom billi għamlulu inkwatru li għadu sallum iżejjen is-sagristija tal-Knisja Arċipretali u Parrokkjali ta' San Publju

*9 Il-Furjana, Vol. I, No 18, April-Ġunju, 1957

*10 Mal-laqam 'Ta' l-Irish' wieħed ma jridx jinsa l-laqam l-ieħor tagħna i.e. 'Tal-Qagħqa', li wisq probabbli hi eqdem minn ta' l-ewwel

(Caption għal Ritratt Nru 1): L-istatwa ta' San Ġużepp mqiegħda f'post prominenti fil-knisja għall-festa tiegħu fl-1967.

(Caption għan-naħa ta' wara tas-santa ta' San Ġużepp): In-naħa ta' wara ta' santa ta' San Ġużepp maħruġa fl-1967 biex tfakkar iċ-ċelebrazzjoni mill-ġdid tal-festa tal-qaddis fil-Knisja Arċipretali u Parrokkjali ta' San Publju